MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VINCENT GALEA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 701/2010

**Content House Limited [C-34903]**

**Vs**

**Simon Estates Limited [C-35786]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Gunju, 2010** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' seba' mija tnejn u tmenin euro u hmistax-il ċenteżmu ta' euro [€782.15][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta rikorrenti titlob lis-socjeta intimata tiġi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mija tnejn u tmenin euro u hmistax-il ċenteżmu (€782.15)

[1] Permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Ottubru, 2010, l-ammont ta' €782.15 gie ridott ghas-somma ta' tlett mija tlieta u erbghin euro u tmienja u hamsin ċenteżmi ta' euro (€343.58c).

rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lis-socjeta rikorrenti fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-socjeta intimata u li sa llum ghadhom mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluż dawk ta' l-ittra legali u uffiċjali numru hames mija wiehed u disghin tas-sena elfejn u ghaxra (591/10) u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta intimata minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-23 ta' Settembru, 2010 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Il-pretensjonijiet tas-socjeta attriċi kif dedotta fit-talba hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' €343.58c, rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lilha mis-socjeta rikorrenti fuq inkarigu u struzzjonijiet ta' l-istess soċjetà intimata. Fil-mori tal-proceduri sar pagament u ghalhekk l-ammont mitlub ma ghadux ta' €782.15 iżda ta' €343.58c. Is-socjeta intimata da parti taghha tinsisti li l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010 xehdet **Isabelle DePasquale** rappreżentanta tas-socjeta rikorrenti. Hija qalet li ftit qabel ma bdiet il-kawza kien mar Simon Debono fl-ufficini taghhom u hallas parti mill-ammont li s-socjeta tieghu kellha taghti lis-socjeta rikorrenti. Meta hija staqsietu r-raguni l-ghala huwa ma kienx sejjer ihallas il-bilanc kollu, r-risposta li hija hadet minghandu kienet li "*... hu ma kienx dispost illi jhallas dan il-bilanc ghaliex ir-riklama ma kienx ghas-sodisfazzjoni tieghu 'l ghaliex ma kienx hemm imniżżel in-numru tat-telephone tas-socjeta konvenuta*" (fol. 12). Da parti taghha, x-xhud qaltlu li huwa kien approva r-riklam qabel ma gie ppubblikat. Wara li s-Sur Debono telaq mill-ufficini tas-socjeta rikorrenti, x-xhud marret tivverifika l-pubblikazzjoni u "*... rrizulta li fil-fatt fuq ir-reklam kien hemm in-numru telefoniku tas-socjeta konvenuta*" (fol. 12). Ix-xhud tkompli tghid li s-socjeta rikorrenti baqalha tirċievi l-hlas minghand is-socjeta intimata ghall-fattura bin-numru 2960, kopja ta' din il-fattura ġiet esebita a fol. 15 tal-process. Din il-fattura tirreferi ghal reklam li kien gie ppubblikat fil-magazine Best Buy Issue 17 ta' Ottubru, 2008 u l-*booking* relattiv kien sar fil-15 ta' Settembru, 2008.

Ix-xhud tkompli tghid li ghar-rigward tar-reklam li kellu johrog fl-edizzjoni tal-magazine ta' Ottubru, 2008 r-rapprezentant tas-socjeta intimata Simon Debono kien qalilhom sabiex jaghmlu l-istess wiehed li kien hareg fl-edizzjoni tal-magazine ta' Settembru, 2008. Tghid ukoll, b'referenza ghar-riklam li hareg fl-edizzjoni tal-magazine ta' Settembru, 2008, li r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien baghat *email* fit-3 ta' Settembru, 2008 fejn ikkonferma li l-*artwork* kien tajjeb (ara dok. ID 2 a fol. 16). Is-Sur Debono, tkompli tghid ix-xhud "*... kkonferma li fl-edizzjoni ta' Ottubru 2008 kellna nuzaw l-istess reklam; u dan huwa ikkonferma permezz ta' email*" (fol. 13). Ix-xhud ghaddiet biex tesebixxi kopja ta' din l-ahhar email li ġiet immarkata bhala dok. ID 3.

Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti qalet ukoll li "*bejn l-ewwel reklam u t-tieni reklam ma kien hemm l-ebda differenza*" (fol. 13). Hija ghaddiet biex tippreżenta kopja

ta' dawn iz-zewg pubblikazzjonijiet li gew immarkati bhala dok. ID 4 (fol. 21) u ID 5 (fol. 23). Qalet ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta intimata "*... qatt ma semma' li kien hemm problemi u fil-fatt il-problemi nqalghu biss sentejn wara li kienet saret il-publikazzjoni tar-reklam*" (fol. 13).

Ghar-rigward tal-procedura li tadotta s-socjeta minnha rappreżentata, x-xhud qalet li ġeneralment, huma jibghatu fattura imbaghad jibqghu jibghatuha sakemm isir il-hlas eventwalment. Jekk jghaddu xi tlieta jew erba' darbiet u l-hlas jibqa ma jsirx, allura jew hi jew inkella d-direttur l-iehor Jesmond Bonello jikkomunikaw huma personalment mal-klijent sabiex jaraw x'inhi l-problema, jekk ikun hemm, halli jsir il-hlas. Hija qalet li f'dan il-kaz kien ċempel id-direttur l-iehor tas-socjeta rikorrenti Jesmond Bonello lir-rapprezentant tas-socjeta intimata u skond ma hi nfurmata, s-Sur Debono kien "*... baqa jinsisti li kellu bżonn aktar żmien sabiex ihallas dan il-pagament ghaliex kien qed jistenna xi hlas minn ghand terza persuna*" (fol. 13). Kien ghalhekk li l-imsemmi Jesmond Bonello kien iddeċieda li jaghtih ftit żmien iehor sabiex ikun jista jaghmel il-pagament. Gara però li meta sar il-hlas, sar il-hlas kollu hlief ghal dik tar-reklam li kien deher fl-edizzjoni tal-magazine ta' Ottubru, 2008.

In kontro-ezami, x-xhud esebiet il-*booking order form* ghall-pubblikazzjonijiet li kellhom jidhru fl-edizzjoni tal-magazine Best Buy ta' Mejju, 2008 (dok. ID 6 a fol. 25) u Ottubru, 2008 (dok. ID 7 a fol. 26).

Meta ġiet mistoqsija jekk kienx hemm xi kwistjoni dwar ir-reklam li kien deher fl-edizzjoni ta' Mejju, 2008 tal-magazine Best Buy, ix-xhud qalet li hija kellha tivverifika dwar dan. Jekk kien hemm xi problema, tkompli tghid ix-xhud, il-probabilita hija li jitnaqqsu l-ispejjez ta' l-art work u xejn iżjed l-ghaliex ir-riklam ikun sar.

Fis-seduta ta' wara, u cioe dik tal-11 ta' Frar, 2011, ix-xhud esebiet booking form ghal Settembru, 2008 (dok. ID 8 a fol. 31). Qalet ukoll li kien hemm *booking form* iehor li

jkopri l-perjodu ta’ April 2008 izda dwar dan ma kien hemm l-ebda kwistjoni.

Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti esebiet ukoll estratt tal-magazine ta’ Mejju 2008 u kkonfermat li fir-reklam tas-socjeta intimata ma jirriżultax in-numru tat-telephone taghha. Dwar dan il-fatt, ix-xhud qalet li “*... l-prassi hija li ġeneralment il-klijent jaghtina l-art work u meta huwa jikkonfermah ahna mmorru ghal pubblikazzjoni*” (fol. 29). B’referenza ghar-riklam li kien hemm fil-pubblikazzjoni ta’ Mejju 2008, ix-xhud qalet li hija tikkonferma “*... li l-art work huwa dak li jirrizulta min l-istess reklam esebit dokument ID 9*” (fol. 29). Ikkonfermat ukoll li dak-in-nhar stess tal-pubblikazzjoni, s-socjeta rikorrenti kienet irceviet *email* minghand ir-rapprezentant tas-socjeta intimata fejn ilmenta “*… li ma kienux dehru n-numri telefonici tas-socjeta konvenuta fir-reklam*” (fol. 29). Sussegwentement, tkompli tghid ix-xhud, hija kienet infurmatu li ghal dan il-kaz (ta’ Mejju, 2008), is-socjeta rikorrenti ma kienitx ser izzomm ghall-ispejjez ta’ l-art work u kull ma kellhu jhallas kien ghal dak li jirrigwarda r-reklamar.

Mir-rendikont esebit mix-xhud (dok. D) a fol. 44 tal-process jirrizulta li:

i. l-ammont ta’ €384.81 ghar-reklamar li kien sar f’Mejju 2008 fil-magazine Best Buy, kien gie ridott ghall-ammont ta’ €329.83c u li dan l-ammont kien thallas f’darbtejn. L-ewwel pagament ta’ €164.92c kien sar fis-6 ta’ Jannar, 2010 filwaqt li t-tieni pagament ta’ €164.92c kien sar fl-20 ta’ Settembru, 2010. Il-fattura relattiva ghal dan ir-reklam hija dik bin-numru 2342.

ii. l-ammont ta’ €343.81 ghar-reklamar li kien sar f’Settembru 2008 fil-magazine Best Buy, ukoll thallas f’darbtejn. L-ewwel pagament ta’ €171.79c kien sar fis-6 ta’ Jannar, 2010 filwaqt li t-tieni pagament ta’ €171.79c kien sar fl-20 ta’ Settembru, 2010. Il-fattura relattiva ghal dan ir-reklam hija dik bin-numru 2851.

Gew esebiti, mis-socjeta rikorrenti l-ircevuti fiskali relattivi ghall-pagamenti li saru fl-20 ta' Settembru, 2010 fol. 42 u 43.

3. Fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 **xehed Simon Debono**, rapprezentant tas-socjeta intimata. Huwa beda biex qal li s-socjeta minnu rapprezentata hija estate agency u kienet tutilizza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti billi taghmel reklami fuq il-magazine Best Buy. Huwa esebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala dok. SD 1 u dok. SD 2. Ikompli jghid li huwa kien talab lill-Yasmine Azzopardi, *Advertising Sales Executive* mas-socjeta rikorrenti sabiex fir-reklam iggib ir-ritratt tad-dok. SD 1, filwaqt li l-kontenut bil-miktub kellu jkun dak li kien hemm fid-dokument immarkat bhala dok. SD 2. Dan peress li ghal ewwel ix-xhud kien baghat id-dokument SD 1 f'pdf format u kien bil-Malti. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti kienet infurmatu li l-*policy* tas-socjeta minnha rapprezentata kienet li huma jgibu reklami bil-lingwa Ingliza u kien ghalhekk li huwa baghat id-dokument SD 2 f'pdf format ukoll. Ix-xhud esebixxa ukoll l-art work li intuza mis-socjeta minnu rapprezentata f'harga tal-gazzetta Malta Today ghar-rigward ta' din il-binja. Din ukoll, ighid ix-xhud, intbaghtet lis-socjeta rikorrenti. Meta huwa rcieva l-*proof* mis-socjeta rikorrenti (dok. SD 3), huwa kien informa lil Yasmine Azzopardi li kien hemm xi nuqqasijiet fosthom il-vokali "e" zejda fil-kelma deposit, ma kienx hemm numri tat-telefon li jidhru fid-dok. SD 1 u l-binja kienet giet ridotta u mhux kif miftiehem. Huwa talab lil Ms Azzopardi biex tikkoregi dawn l-izbalji u r-reklam imbaghad seta jsir. Fil-fatt, dan ir-reklam hareg fil-harga tal-magazine Best Buy tas-7 ta' Mejju, 2008 u dak-in-nhar stess huwa baghat *email* lil imsemmija Yasmine Azzopardi fejn infurmaha li kien hemm problema (dok. SD 5 a fol. 63). Huwa qal lid an kien nuqqas serju l-ghaliex ir-reklami huwa jgibhom u jaghmel in-numru tat-telefon fihom sabiex jcemplu n-nies. Fil-fatt, dak-in-nhar kien hemm bejn ghaxra u hmistax-il persuna fil-back office tieghu lesti biex jirrispondu t-telefon.

Meta nqratlu l-*email* datata 27 ta' Mejju, 2008 mibghuta minn Isabelle DePasquale huwa qal li ircevieha. Zied jghid, b'referenza ghar-risposta tieghu ghal din l-email li saret xi ghaxar minuti wara li kien ircevieha, li "*… din kienet referenza ghall-komunikazzjoni li kien qed ikolli mal-Malta Today peress li wkoll kelli xi problemi maghhom ghar-rigward tar-reklamar*" (fol. 57). Ghalhekk, ir-risposta li hemm ghall-email ta' Isabelle Depasquale datat 27 ta' Mejju, 2008 ma kienitx indirizzata lis-socjeta rikorrenti izda lill-Malta Today. In sostenn ta' dan l-argument, ix-xhud ighid li l-kliem "*Yes, thank you, can you do the same for the next order add a half page/two strips*" tant ma jirriferux ghas-socjeta rikorrenti li huma ma jgibux strip adds fil-magazine taghhom. Ikompli jghid li huwa lil Yasmine Azzopardi qatt ma kien qalilha li jrid refund izda ried li s-socjeta rikorrenti "*… taghmel tajjeb ghall-izball illi kellhom u cioe to make good for the problem jigifieri li jergaw johorgu reklam kif suppost*" (fol. 57). Mistoqsi mit-tribunal jekk ghandux kopja ta' l-*email* li kienet intbaghtitlu mill-Malta Today, ix-xhud wiegeb li "*… le ghaliex il-Malta Today ma jikkomunikawx permezz ta' e-mails imma bit-telephone biss*" (fol. 57). Huwa qal li dan ir-reklam baqa ma hallsux u li wara dan ir-reklam, huwa xorta wahda baqa jaghmel reklami mas-socjeta rikorrenti. Huwa qal li s-socjeta minnu rapprezentata tippretendi li s-socjeta rikorrenti taghmel tajjeb ghal dan l-izball izda llum il-gurnata l-istess socjeta rikorrenti ma tistax taghmel tajjeb b'dan ir-reklam l-ghaliex is-socjeta minnu rapprezentata bieghet l-appartamenti kollha li kien hemm f'din il-blokka partikolari.

Meta kienu cemplulu mis-socjeta rikorrenti sabiex ihallas il-kontijiet pendenti, x-xhud qal li huwa kien mar ghandhom u kien infurmahom li huwa kien lest li jhallas il-kontijiet pendenti ta' wara Mejju, 2008 izda ma kienx lest li jhallas il-kont ghar-reklam li kien deher fil-harga ta' Mejju, 2008. Meta gie muri r-ricevuti fiskali li jindikaw parti mill-hlas relattiv ghar-reklam li kien hareg f'Mejju, 2008, ix-xhud qal li "*jekk niftakar sew il-VAT receipts moghtija lili mis-socjeta attrici kienu miktubin minni*" (fol. 58). Sussegwentement, fil-kontro-ezami tieghu li sar fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2012, ix-xhud qal li "*… llum il-gurnata la*

*qieghed nara dawn il-VAT receipts nghid illi l-kitba ma hijiex tieghi*” (fol. 70).

Fis-seduta tat-12 ta’ Lulju, 2012 inqrat *email* datata 28 ta’ April, 2008 mibghuta minn Yasmine Azzopardi lil Simon Debono (fol. 63 – dok. SD 5). Skond ma jirrizulta minn din l-*email* inghad hekk:

“*Hi Simon,*

*Attached is your artwork.*

*Please let me know if there is anything you would like to change. (Apart from the spelling mistake in the title ‘Deposite’ will be fixed to ‘Deposit’)*

*Thanks and Regards,*

*Yasmine Azzopardi*
*Advertising Sales Executive*” (fol. 63)

Ix-xhud qal li “*… jiena na rrispondejtx ghal dik l-email ta’ Jasmine Azzopardi izda kont kellimtha verbalment. Meta kellimtha jiena verbalment kellimtha dwar il-kelma deposit u dwar it-telephone numbers* ” (fol. 69).

Kompla jigi mistoqsi dwar il-fatt meta huwa xehed li l-Best Buy Magazine ma jgibx strip ads u muri l-adverts differenti li hemm fil-Magazine mahrug f’Mejju, 2008 u li gie pprezentat waqt dik l-istess seduta, u b’referenza partikolari ghal pagni 1, 2, 6, 8, 28 u 30 ta’ l-istess, ix-xhud qal li “*… jiena naghraf li dik l-advert hija maghrufa bhala strip ad*” (fol. 70).

Ix-xhud ghalaq il-kontro-ezami tieghu billi qal li l-fattura mahruga ghar-reklam ta’ Mejju, 2008 huwa qatt ma hallasha. “*… hallast l-invoices l-ohra kollha ghalhekk minkejja dak li qeghda tghid is-socjeta attrici illi dik l-*

*invoice in kwistjoni thallset minni jiena nibqa nsostni illi dik l-invoice qatt ma thallset u qatt ma rrid inhallasha l-ghaliex qed insostni illi s-socjeta attrici taghmel make good*" (fol. 70).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata sostna tul dawn il-proceduri li huwa ma riedx ihallas tar-reklam li deher fuq il-harga tal-Best Buy Magazine ta' Mejju, 2008. Dan peress li fuq tali reklam ma kienx hemm in-numri tat-telefon ta' l-istess socjeta u allura reklam minghajr numru ghalih ma jiswa xejn. Is-socjeta rikorrenti, filwaqt li rrikonoxxiet tali zball sostniet li hija kienet naqset mill-ammont dovut ghal istess reklam, id-dritt spettanti lilha ghall-artwork u ghalhekk flok l-ammont ta' €384.81, hija kellha thallas l-ammont ta' €329.83. Hija qalet ukoll li dan l-ammont thallas f'darbtejn mis-socjeta rikorrenti. L-ewwel darba permezz ta' cekk datat 3 ta' Dicembru, 2009 fl-ammont ta' €164.92 u t-tieni darba fl-20 ta' Settembru, 2010. F'din l-ahhar okkazzjoni l-ammont imhallas kien ta' €164.92c u inharget ricevuta fiskali (dok. B a fol. 42). Jekk jinghadu dawn iz-zewg ammonti ta' €164.92 jigi l-ammont ridott li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tippretendi ghar-reklam li inhareg minnha f' Mejju, 2008. Fuq din ir-ricevuta fiskali hemm ukoll imnizzel in-numru tal-fattura relattiva ghal dan ir-reklam li hareg fl-edizzjoni ta' Mejju, 2008 u cioe n-numru 2342. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata jghid li huwa qatt ma ried ihallas dan l-ammont l-ghaliex ir-reklam kien hazin (ghax ma kienx fih numru tat-telefon) u s-socjeta minnu rapprezentata ghadha qed tippretendi li s-socjeta rikorrenti taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Meta Simon Debono gie rinfaccjat b'email li huwa kien baghat bhala twegiba ghal email li kienet baghtitlu Isabelle Depasquale fis-27 ta' Mejju, 2008 (fol. 35) fejn infurmatu li huma kienu ser inaqsu l-ammont dovut ghall-art work mill-fattura relattiva ghal dan ir-reklam, huwa qal li din l-email huwa kellu jibghata lil Malta Today li ukoll kellu problemi maghhom ghar-rigward ta' xi reklami li dehru. In sostenn ta' dan l-argument, ix-xhud qal li f'din l-email hemm il-kliem "*2 strips*" u li s-socjeta rikorrenti ma kienitx taghmel *strip advertisements*. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk

huwa ghandux kopja ta’ l-email li kienu baghtulu l-Malta Today huwa qal li l-Malta Today ma jahdmux bl-email izda bit-telefon. Meta imbaghad gie muri mis-socjeta rikorrenti l-*magazine* li kien hareg f’Mejju, 2008 u l-i*strip ads* li kien hemm f’din il-harga, r-risposta tieghu kienet li huwa kien qieghed jara dawn l-i*strip ads* issa ghal ewwel darba. It-Tribunal ma huwiex konvint minn dak li qal ix-xhud f’dan ir-rigward. Huwa minnu li n-numru telefoniku tas-socjeta intimata ma jidhirx fir-reklam in kwistjoni. Minkejja dan, is-socjeta rikorrenti accettat dan l-izball u ghamlet tajjeb ghalih billi naqset l-ammont originarjament mitlub minnha. It-Tribunal huwa sodisfatt li dan l-ammont li tnaqqas ghamel tajjeb ghan-nuqqas tas-socjeta rikorrenti li ma ggibx in-numru ta’ l-ufficini tas-socjeta intimata.

5. Ghar-rigward ta’ l-ammont li s-socjeta rikorrenti qeghda titlob ghar-reklam li hija ghamlet fuq inkarigu tas-socjeta intimata u li deher fil-harga ta’ Ottubru, 2008 ftit li xejn hemm xi tghid hlief li r-rapprezentant tas-socjeta intimata dejjem sostna li huwa kien lest li jhallas dak dovut mis-socjeta minnu rapprezentata izda ma kienx lest li jhallas dak dovut ghar-reklam li kien hemm fil-harga ta’ Mejju, 2008. F’dan ir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehed l-istess rapprezentant fid-deposizzjoni tieghu tal-15 ta’ Gunju, 2012 fejn qal li “*Huwa talabni r-raguni ghala jiena ma kontx qieghed inhallas jiena ghidtlu illi dawk ta’ wara Mejju kont lest illi nhallashom pero ma kontx lest li nhallas dak ta’ Mejju*” (fol. 58).

6. Ghalhekk, is-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba taghha u konsegwentement it-Tribunal sejjer jilqa t-talba taghha kif redotta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tlett mija tlieta u erbghin euro u tmienja u hamsin ċenteżmi ta’ euro (€343.58c) flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont li jibdew jiddekorru

mid-data ta' meta dan l-ammont kien dovut u cioe mis-17 ta' Ottubru, 2008.

L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------